# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 22 TA' FRAR 2002

**Numru 20**

**Avviz numru 779/01DM**

**Angelo Sammut**

**vs**

**Joseph Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) rapprezentanti hlas li sar debitament mill-attur lill-konvenut u dan bhala depozitu bl-intenzjoni li jsehh negozju u cioe' illi l-attur jakkwista minghand il-konvenut id-dar proprjeta' tal-istess konvenut bl-isem ta' 'Meadow View', Triq R. Caruana Dingli, San Gwann liema negozju ma setax isehh u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 2304/01 DS li ga ottjena l-attur fil-konfront tal-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikati ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara l-Qorti semghat bil-gurament lill-attur u rat ukoll id-dokument esebit;

Issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) bl-imghaxijiet legali b'effett mis-7 ta' Settembru 2001; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magistrat

A. Farrugia

Dep.Reg.

va

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Frar, 2002

**Numru 20**

**Avviz numru 779/01DM**

**Angelo Sammut**

**vs**

**Joseph Muscat**

**L-attur minn jeddu bil-malti bil-gurament jghid:**

Jien kont ghamilt ftehim ma Joseph Muscat biex nixtri minn ghandu l-post li jismu Meadow view Triq Caruana Dingli, San Gwann bil-prezz ta' tnejn u hamsin elf lira. Fuq skrittura li konna ghamilna quddiem in-Nutar John Spiteri, li kopja taghha jiena qed nesebixxi ccertifikata mill-istess Nutar, jiena kont ippromettejt illi naghti lill-konvenut is-somma ta' elfejn lira bhala kapparra.
Jiena din fil-fatt hallastha fit-3 ta' Lujlu, 2001. Il-konvenju pero ma giex esegwiet u l-kuntratt finali ma sehhx. Billi l-konvenut kellu qabel ma jsir il-kuntratt jittermina s-separazzjoni minn ma martu u jgib il-karti kollha ta' separazzjoni fiz-zmient al-konvenju, u dana ma gabhomx, il-kuntratt finali ima setax isir u l-konvenju illum waqaf.

Ghalkemm jiena tlabtu biex itini l-elfejn lira li hallast ghandu, lura, dawn baqa ma tahomlix.
Jiena hallejt kollox l-avukat u anke xi atti fil-Qorti ghamilna kontra tieghu.
Il-konvenut qatt ma kellimni u qatt ma tani raguni ghaliex ma jridx itini l-elfejnl lira lura.

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta' Angelo Sammut dettata fil-presenza tieghu.

Magistrat

Niddikjara li traskrivejt fis-sewwa u fedelment u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.

V. Attard
Traskrittrici